MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Numru 979/2003

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Alfred Gauci, iben Victor,
imwieled Pieta' fis-17 ta'
awissu, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-8 ta' awissu, 2002 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, bħala d-detentur tal-fond 'Blue Cave Bar and Restaurant', Wied iż-Żurieq, limiti tal-Qrendi, ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita' meħuda jew

ikkunsmata kkometta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont li ma jeċċedix l-elf lira maltin mill-fond ‘Blue cave Bar and Restaurant’, Wied iż-Żurrieq, limiti tal-Qrendi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. talli volontarjament għamel ħsara jew għarraq il-mete tad-dawl elettriku liema ħsara tammonta għal anqas minn Lm50 maltin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tagħti l-piena stabbilita’ mill-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti maħtura mill-Qorti skkond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ frar, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ frar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqastant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna
lill-imputat li jħallas is-somma ta’ Lm68.82 spejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------